MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 586/2014

**GO plc (C22334)**

**Vs**

**Kane Anthony Mifsud (ID 115203L)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ppremmettiet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elf mitejn tnejn u disghin ewro u sitta u disghin centezmu (€1292.96c), in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack Gold Interactive (AC40189369).

Illi ‘nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas, il-konvenut baqa’ ‘nadempjenti u ghalhekk kellha ‘ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet inkluz dawk tal-ittra ufficjali 766/14, u bl-imghaxijiet legali sa mit-2 ta’ Mejju, 2014, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Dokumenti Mehmuza:

Dok A – Prospett

Dok B – Kuntratt

Dok C – Estratt Registru Elettorali

Dok D – Ittra Ufficjali 766/14

Ra mill-atti illi l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota tas-Socjeta’ attrici prezentata fit-18 ta’ Novembru, 2014 a fol 17 tal-process li biha rriduciet it-talba ulterjorment bl-ammont ta’ mitejn ewro (€200) rapprezentanti l-valur ta’ equipment ritornat. Ghaldaqstant il-bilanc rimanenti jammonta ghal tmien mija tnejn u disghin ewro u sitta u disghin centezmu (€892.96c) flimkien mal-imghaxijiet u spejjez legali skont it-talba.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-18 ta’ Novembru, 2014 mill-Avukat Dr Keith Grech u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici fl-ammont kif ridott ta' tmien mija tnejn u disghin ewro u sitta u disghin centezmu (€892.96c), u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont kif mitlub fl-Avviz tat-talba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------